



# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-22/18**

**TopFit eV u Daniele Biffi**

**vs**

**Deutscher Leichtathletikverband eV**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Darmstadt)

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-13 ta' Ġunju 2019**

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ċittadinanza tal-Unjoni – Artikoli 18, 21 u 165 TFUE – Regolament ta' assoċjazzjoni sportiva – Parteċipazzjoni f'kampjonat nazzjonali ta' Stat Membru minn atleta dilettant ta' nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor – Trattament differenti minħabba n-nazzjonalità – Restrizzjoni għall-moviment liberu”

1. *Ċittadinanza tal-Unjoni – Dispożizzjonijiet tat-Trattat – Kamp ta' applikazzjoni razione personae – Ċittadin ta' Stat Membru li jipprattika sport bħala dilettant f'kompetizzjoni fl-Istat Membru ospitanti – Inklużjoni (Artikoli 18, 21 u 165 TFUE)*

(ara l-punti 27-35)

2. *Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażaġh u sport – Dispożizzjonijiet tat-Trattat – Rikonnoxximent tal-importanza soċjali tal-isport tad-dilettanti fl-Unjoni – Fattur ta' integrazzjoni fis-soċjetà tal-Istat Membru ospitanti*

(ara l-punt 33)

3. *Ċittadinanza tal-Unjoni – Dispożizzjonijiet tat-Trattat – Kamp ta' applikazzjoni – Regolament ta' assoċjazzjoni sportiva – Inklużjoni (Artikoli 3 sa 6, 18 u 21 TFUE)*

(ara l-punti 36-40, 52, 53)

4. *Ċittadinanza tal-Unjoni – Ugwaljanza fit-trattament – Diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità – Dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri – Regoli ta' assoċjazzjoni sportiva li tillimita l-parteċipazzjoni għall-kampjonat nazzjonali tal-Istat Membru ta' atleta dilettant li għandu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru ieħor – Restrizzjoni – Ġustifikazzjoni – Proporzjonalità – Evalwazzjoni mill-qorti nazzjonali*

(Artikoli 18, 21 u 165 TFUE)

(ara l-punti 44, 46-50, 52-54, 59, 60, 63, 66-67 u d-dispożittiv)

## Sunt

### **L-esklużjoni parzjali ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra mill-kampjonati Ġermaniżi tal-atletika għas-seniors, fil-kategorija tad-dilettanti, tista' tkun kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni**

Fis-sentenza TopFit u Biffi (C-22/18), mogħtija fit-13 ta' Ġunju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikoli 18, 21 u 165 TFUE fl-kuntest ta' tilwima bejn atleta dilettant ta' nazzjonalità Taljana u l-assoċjazzjoni nazzjonali tal-atletika Ġermaniża dwar il-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra fil-kampjonati Ġermaniżi ta' sport bħala dilettanti fil-kategorija senior.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dawn id-dispożizzjonijiet jipprekludu regoli ta' assoċjazzjoni sportiva nazzjonali li abbażi tagħhom ċittadin tal-Unjoni, ċittadin ta' Stat Membru ieħor, li ilu jirrisjedi għal diversi snin fuq it-territorju tal-Istat Membru fejn hija stabbilita din l-assoċjazzjoni fejn huwa jipprattika l-ġiri bħala dilettant fil-kategorija senior, ma jistax jipparteċipa għall-kampjonati nazzjonali f'dawn id-dixxiplini bl-istess mod bħaċ-ċittadini nazzjonali jew li jista' jipparteċipa f'dawn il-kampjonati biss "barra mill-klassifikazzjoni" jew "mingħajr klassifikazzjoni", mingħajr ma jkollu aċċess għall-finali u mingħajr ma jkun jista' jikseb it-titolu ta' rebbieħ nazzjonali, sakemm dawn ir-regoli ma jkunux iġġustifikati minn kunsiderazzjonijiet oġġettivi u proporzjonati għall-għan leġittimament imfittex, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja, qabel xejn ikkonstatat li, ċittadin tal-Unjoni, bħall-atleta dilettant inkwistjoni, li uża l-libertà ta' moviment tiegħu, jista' leġittimament jibbaża ruħu fuq l-Artikoli 18 u 21 TFUE fil-kuntest tal-prattikar tiegħu ta' sport bħala dilettant f'kompetizzjoni fis-soċjeta tal-Istat Membru ospitanti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja invokat b'mod partikolari r-rwol tal-isport bħala fattur ta' integrazzjoni fis-soċjeta tal-Istat Membru ospitanti, rifless fil-Artikolu 165 TFUE.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li r-regoli ta' assoċjazzjoni sportiva nazzjonali li jirregolaw l-aċċess taċ-ċittadini tal-Unjoni għall-kompetizzjonijiet sportivi, huma suġġetti għar-regoli tat-trattat, u b'mod partikolari għall-Artikoli 18 u 21 TFUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-osservanza tal-libertajiet fundamentali u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità previsti mit-Trattat tapplika wkoll għar-regoli ta' natura mhux pubblika li jkunu intiżi sabiex jirregolaw b'mod kollettiv l-impjeg u l-provvista ta' servizzi. Dan il-prinċipju japplika wkoll meta grupp jew organizzazzjoni jeżerċitaw ċertu poter fuq l-individwi u huma f'pożizzjoni li jimponulhom kundizzjonijiet li jippreġudikaw l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-trattat.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li hemm differenza fit-trattament f'din il-kawża, li tista' toħloq restrizzjoni għal-libertà ta' moviment tal-atleta dilettant inkwistjoni fis-sens tal-Artikolu 21 TFUE, sa fejn dan, anki jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet relatati mar-rendiment sportiv meħtieġa u jekk għandu dritt ta' parteċipazzjoni għad-dixxiplini sportivi minn klabb affiljat mal-assoċjazzjoni ta' atletika nazzjonali għal iktar minn sena, jista', minħabba n-nazzjonalità tiegħu, jiġi rrifjutat il-parteeċipazzjoni f'kampjonat nazzjonali tad-dilettanti tal-ġiri fuq distanzi qosra fil-kategorija senior jew jitħalla jipparteċipa biss b'mod parzjali. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li regoli ta' assoċjazzjoni sportiva, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jistgħu ukoll

iwasslu sabiex l-atleti ċittadini ta' Stat Membru differenti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja jingħataw inqas appoġġ mill-klabbs sportivi li huma marbuta magħhom meta mqabbla mal-atleti nazzjonali, għaliex dawn il-klabbs ikollhom inqas interess li jinvestu f'atleta li ma jistax jipparteċipa fil-kampjonati nazzjonali u għalhekk, l-atleti ċittadini ta' Stati Membri oħra jistgħu ma jintegrawx sewwa fil-klabb sportiv li huma marbutin miegħu u, konsegwentement, fis-soċjetà tal-Istati Membru ta' residenza tagħhom.

Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, restrizzjoni għal-libertà ta' moviment taċ-ċittadini tal-Unjoni tista' tkun iġġustifikata biss jekk tkun ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi u tkun proporzjonata għall-għan leġittimament intiż mir-regoli inkwistjoni, li hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika. Ċertament, jidher leġittimu li l-attribuzzjoni tat-titolu ta' rebbieħ nazzjonali f'ċertu dixxiplina sportiva tiġi rriżervata għal ċittadin nazzjonali, peress li dan l-element jista' jiġi kkunsidrat bħala karatteristika stess tat-titolu ta' rebbieħ nazzjonali. Madankollu, huwa importanti li r-restrizzjonijiet li jirriżultaw mit-tfittxija tal-imsemmi għan ikunu konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità, fejn l-imsemmi għan ma jiġġustifikax kwalunkwe restrizzjoni għall-parteeċipazzjoni ta' persuni mhux ċittadini nazzjonali għall-kampjonati nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li hija mitluba teżamina l-eżistenza ta' possibbli ġustifikazzjonijiet billi tiegħu inkunsiderazzjoni l-għan li jirriżulta minn qari kkombinat tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(1) TFUE u tal-Artikolu 165 TFUE li jinfetħu iżjed il-kompetizzjonijiet u tal-importanza li jiġu integrati r-residenti, b'mod speċjali dawk li ilhom fl-Istat Membru ospitanti. Fi kwalunkwe każ, in-nuqqas ta' ammissjoni totali għall-kampjonati nazzjonali jidher sproporzjonat meta jeżisti mekkaniżmu relatat mal-parteeċipazzjoni ta' tali atleta għal tali kampjonat, tal-inqas fl-istadji tal-kwalifiki u/jew mingħajr klassifikazzjoni.